L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 19 ta' Settembru, 2003

**Abbozz ghal diskussjoni**

Nista' nghid li tajt sehmi shih fit-tfassil u l-emendar ta' l-abbozz 'sehemna fl-Unjoni Ewropea ghall-ahjar gid ta' Malta u Ghawdex'. Ma pproponejtx hafna emendi ghax kont sodisfatta bix-xoghol li hejjew il-membri tal-*working group* u, ghax dak li ma tkellimtx dwaru jien, tkellmu dwaru membri ohra ta' L-Ezekuttiv Nazzjonali jew tal-Grupp Parlamentari. U deherli ghalhekk, li jkun xieraq, li nitkellem dwar dan l-abbozz anke maghkom hawnhekk. Wara kollox kien abbozz li ftit li xejn stajt ninjora b'li ghandu x'jaqsam direttament ma' dak li s-soltu nikteb dwaru jien f'dawn il-pagni.

L-abbozz jibda b'harsa storika lejn l-isfidi li dahal ghalihom fil-passat il-Partit Laburista u b'li rega' stabilixxa li l-principji li kienu japplikaw dak iz-zmien ghadhom japplikaw sal-lum, però, din id-darba, qed jigu applikati f'kuntest Ewropew.

Fost ohrajn tissemma' n-newtralità, li trid tkun imharsa sa l-ahhar, jew kif kollna nghidu sa l-ahhar nifs, kif ukoll l-ekwità, u cioè – li kwalunkwe gid li jista' jigi minn shubija shiha jitqassam bejn kulhadd u, mhux imur ghand il-ftit, tissemma' wkoll il-Mediterranjetà kif ukoll ir-rwol ta' Malta bhala art li tqarrab lejn xulxin pajjizi ohrajn mhux biss permezz tal-politika passiva taghha, izda wkoll b'mod attiv. Dawn il-principji kollha ghandhom jiggeddu f'kuntest ta' shubija shiha.

Il-parti ta' l-abbozz intititolata "Partit Malti, Partit Mediterranju, Partit Ewropew" tenfasizza wkoll l-identità Maltija taghna li tista' tkun identità nluwenti fl-Unjoni Ewropea ghalkemm mhix se tkun xi prezenza kbira.

Però, l-ikbar ghan ta' l-abbozz huwa zgur li l-Partit Laburista jkun minn ta' quddiem biex jiddefendi 'l Malta mill-problemi li se jinholqu, kif ukoll, biex jara li pajjizna jiehu kull beneficcju minn din ir-relazzjoni gdida. B'hekk l-abbozz qed jikkonferma li minn shubija shiha zgur li se jinholqu problemi u l-Partit Laburista ghandu jiggildilhom halli jaffettwaw bl-iktar mod minimu lill-haddiem Malti. Dan, il-Partit Laburista se jkun jista' jaghmlu iktar u iktar ghax kien il-partit li mmedita kemm-il darba, zgur li hafna iktar mill-Partit Nazzjonalista, dwar l-izvantaggi li jistghu johorgu minn shubija shiha. Ir-rwol tal-Partit Nazzjonalista qabel l-elezzjoni kien li jkabbar b'mod esagerat il-vantaggi li jistghu jigu min shubija shiha. Ir-rwol tal-Partit Laburista kien li jiftah ghajnejn il-poplu ghall-izvantaggi.

Ghalhekk, fil-fehma tieghi, huwa naturali li l-Partit Laburista jkun iktar lest halli jiddefendi lill-poplu kontra l-izvantaggi, bil-Partit Nazzjonalista kull ma jaghmel huwa li jibda jahseb mill-gdid dwar dawn il-problemi u probabbilment ghadu biss fil-process li jibda jiddentifikahom.

Il-Partit Nazzjonalista haseb biss fuq il-problemi li gejjin minn shubija shiha b'mod artificjali, u kif imnebbah mill-istess kritika tal-Partit Laburista u ghaqdiet bhas-CNI. Il-Partit Laburista kien hafna aktar analifiku fejn jidhlu zvantaggi. Minbarra hekk, il-Partit Laburista kien dejjem dak il-partit li ddefenda d-drittijiet tal-haddiema u qeghidhom bhala prijorità fuq l-agenda tieghu.

U l-importanza tar-rwol tal-Partit Laburista pjuttost se tikber milli tonqos ghall-haddiema li kont, ghadni u nibqa' nemmen li se jkunu dawk li jbatu l-aktar bi shubija shiha u li fil-fatt digà bdew ibatu.

Wara kollox, il-haddiema ghandhom jaghmlu evalwazzjoni wahedhom jekk, anke jekk inserrhu fuq l-istorja, jistax jkun il-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista l-iktar li jeddefendihom fil-kaz li jkollhom bzonn l-ghajnuna.

Fil-parti ta' l-abbozz imsejha "Impenn Shih", l-abbozz jitkellem dwar l-aspett iehor importanti – in-newtralità. Kont wahda li tkellimt bis-shih, kif finalment approvata minn George Vella, dwar il-fatt li l-kuncett tan-newtralità seta' gie miftuh ghal hafna interpretazzjonijiet li zgur li se jnaqqsulu mis-sahha tieghu kif kien b'Malta barra l-Unjoni. B'dan il-mod jiena wkoll qbilt anke bhala membru tas-*CNI* li n-newtralità ta' Malta se tigi mtappna ghall-inqas ideologikament bi shubija shiha. L-argument jista' biss jaqa' fuq jekk legalment in-newtralità ta' Malta gietx mittiefsa, u hawnhekk inkunu waqajna fil-"bir tas-skieken".

Ir-rwol tal-Partit Laburista fil-gejjieni ghandu jkun fuq livell doppju – rwol politiku li jhares is-sitwazzjoni lokali kif ukoll rwol attiv politiku fl-istituzzjonijiet Ewropej halli jaccerta li kwalunkwe decizjonijiet li jistghu jdallmu n-newtralità ta' Malta ma jittiehdux.

Rigward l-istrategija politika nnifisha, id-dokument jaccenna ghall-htiega ta' djalogu bejn il-Gvern u l-partit anke dwar il-"Konferenza Inter-Governattiva"; l-importanza tat-trasparenza li l-Gvern ghandu jimxi biha dwar x'se jkunu l-proposti tieghu; il-htiega li l-Parlament shih ikun involut fit-tfassil ta' ligijiet imposti fuqna mill-Unjoni Ewropea, u fuq il-bzonn li l-*MEUSAC* u l-*MIC* isiru strutturi parlamentari li jirrapportaw il-hidma taghhom dirett lill-Parlament; il-bzonn li l-Membri Parlamentari Ewropej jirrapportaw b'mod regolari lill-Parlament Malti, u fuq "Kumitat Parlamentari ta' Skrutinju" li jifli l-impatt li l-implimentazzjoni ta' regolamenti Ewropej u decizjonijiet tal-Qrati Ewropej. Dawn huma lkoll proposti tajbin, u li d-delegati kollha tal-partit ghandhom jiflu biex b'hekk izidu l-proposti taghhom maghhom.

L-abbozz jitkellem ukoll dwar is-sehem li l-Partit se jaghti fl-"Ghaqda tal-Partit Socjalisti Ewropej" biex dawn ikunu jistghu jaghtu huma wkoll is-sehem taghhom biex il-Partit Laburista jkun jista' jwettaq hidmietu hawn Malta. Minbarra hekk id-dokument jitkellem ukoll dwar il-politika setorali u interna tal-partit fejn jidhlu oqsma bhal kura medika, politika agrarja u tas-sajd u l-*Welfare State*; bhala turija sinciera li l-Partit Laburista se jgib dejjem quddiem ghajnejh l-politika Maltija, partikularment f'oqsma li m'humiex regolati mill-Unjoni Ewropea.

Però, l-ewwel u qabel kollox, ghalija dan huwa abbozz access, ghax juri kemm il-Partit Laburista tabilhaqq qed jinfetah ghall-opinjonijiet tad-delegati tieghu. Dan mhux ghax mhux digà kien miftuh. Fil-gustizzja jezisti principju li jghid: "il-gustizzja mhux talli trid issir, izda talli trid tidher li qieghda ssir".

U f'dan l-abbozz huwa dan l-ezercizzju li qed jithaddem. Bhalma jien stajt nara l-proposti li ressaqt jien li biddlu paragrafu jew kelma mill-abbozz, hekk ukoll jistghu delegati ohra jaraw kliem fid-dokument finali li se jkunu pproponew huma stess. Hija din ukoll il-politika tad-Deputati Mexxejja li ghadhom, sa certu punt, ghaddejjin minn zmien ta' prova, li qed titlahham aktar ma jmur iz-zmien dejjem bl-accettazzjoni shiha u bl-inkoraggiment tal-Mexxej tal-Partit.

Id-dokument finali ghalhekk se jkun dokument li jhallat flimkien l-esperjenza, l-innovazzjoni u t-taghrif akkademiku, kif ukoll, il-fehma tal-politiku ma' dik tad-delegat. Il-process jiehu z-zmien, izda huwa process li jqieghed id-demokrazija fis-sehh.

**Kumment**

Naghti l-prosit tieghi lil dawk l-awtoritajiet kollha li kienu nvoluti fil-hidma ta' salvatagg li saret matul il-maltemp ta' bejn nhar il-Hadd u t-Tnejn li ghaddew li wrew hila f'cirkostanzi ta' kalamità u li, ftit li xejn, dan il-pajjiz ghadda minnhom. Nahseb li ghall-fatt lill-ebda persuna ma weggghet u wisq inqas mietet, lejn dawn il-korpi ma nistghux hlief noffru fohrija.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*